# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/908

**tat-3 ta' Mejju 2023**

**li jemenda għat-335 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet ISIL (Da'esh) u Al-Qaida ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(1) u (5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fis-26 ta' April 2023, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill għas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit bis-saħħa tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1267(1999), 1989(2011) u 2253(2015), żied żewġ entrati mal-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jenħtieġ li japplika għalihom.

(3) Wara rieżami tekniku tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, jenħtieġ li żewġ entrati jiġu emendati fil-lil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jenħtieġ li japplika għalihom.

(4) Għaldaqstant, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(5) Sabiex ikun żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, jenħtieġ li jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Mejju 2023.

*Għall-Kummissjoni*
*F'isem il-President*
*Id-Direttur Ġenerali*
*Id-Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali*

---

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

*ANNESS*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura "Persuni naturali":

(a) "Maulawi Rajab (psewdonimu ta' kwalità tajba: Maulawi Rajab Salahudin). Data tat-twelid: 1976. Post tat-twelid: L-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Indirizz: Id-Distrett ta' Paghman, il-Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan. Informazzjoni oħra: Mexxej anzjan tal-Istat Iżlamiku tal-Iraq u l-Levante — Khorasan (ISIL-K). Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 26.04.2023."

(b) "Sultan Aziz Azam. Data tat-twelid: 1985. Post tat-twelid: L-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Indirizz: L-Afganistan. Informazzjoni oħra: Kelliem tal-Istat Iżlamiku tal-Iraq u l-Levante — Khorasan (ISIL-K). Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 26.04.2023."

(2) Id-*data* tal-identifikazzjoni għall-entrata segwenti taħt l-intestatura "Persuni naturali" hija emendata kif ġej:

"Emraan Ali (psewdonimu ta' kwalità baxxa: Abu Jihad TNT). Data tat-twelid: (a) 4.7.1967. Post tat-twelid: (a) Rio Claro, Trinidad u Tobago. Nazzjonalità: (a) Trinidad u Tobago; (b) L-Istati Uniti tal-Amerka. Nru tal-Passaport (a) TB162181 (passaport ta' Trinidad u Tobago li nħareġ fis-27.1.2015 u li skada fis-26.1.2020); (b) 420985453 (passaport tal-Istati Uniti tal-Amerka li skada fis-6.2.2017). Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali 19670704052 (numru ta' identifikazzjoni tat-Trinidad u Tobago). Indirizz: (a) L-Istati Uniti tal-Amerka (f'detenzjoni, Federal Detention Center Miami, Numru tar-Reġistru: 10423-509); (b) #12 Rio Claro Mayaro Road, Rio Claro, Trinidad (post preċedenti 2008 - Marzu 2015); (c) #7 Guayaguayare Road, Rio Claro, Trinidad (post preċedenti circa 2003); (d) L-Istati Uniti tal-Amerka (post preċedenti Jannar 1991-2008). Informazzjoni oħra: (a) Membru anzjan tal-Istat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante (Islamic State in Iraq and the Levant, ISIL), elenkat bħala Al-Qaida fl-Iraq. Irreklutat għall-ISIL u ta struzzjonijiet lil individwi biex iwettqu atti terroristiċi permezz ta' vidjo online. (b) Deskrizzjoni fiżika: tul: 176 cm; piż: 73 kg; binja: medju; kulur tal-għajnejn: kannella; kulur tax-xagħar: iswed/qargħi; karnaġġon: kannella; (c) Jitkellem bl-Ingliż. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 23.11.2021."

huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Emraan Ali (psewdonimu ta' kwalità baxxa: Abu Jihad TNT). Data tat-twelid: 4.7.1967. Post tat-twelid: Rio Claro, Trinidad u Tobago. Nazzjonalità: (a) Trinidad u Tobago; (b) L-Istati Uniti tal-Amerka. Nru tal-Passaport: (a) TB162181 (passaport ta' Trinidad u Tobago li nħareġ fis-27.1.2015 u li skada fis-26.1.2020); (b) 420985453 (passaport tal-Istati Uniti tal-Amerka li skada fis-6.2.2017). Nru tal-identifikazzjoni nazzjonali: 19670704052 (numru ta' identifikazzjoni ta' Trinidad u Tobago). Indirizz: (a) L-Istati Uniti tal-Amerka (f'detenzjoni, Federal Detention Center — Miami, Numru tar-Reġistru: 10423-509); (b) #12 Rio Claro Mayaro Road, Rio Claro, Trinidad (post preċedenti 2008-Marzu 2015); (c) #7 Guayaguayare Road, Rio Claro, Trinidad (post preċedenti madwar l-2003); (d) L-Istati Uniti tal-Amerka (post preċedenti Jannar 1991-2008). Informazzjoni oħra: (a) Membru anzjan tal-Istat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante (Islamic State in Iraq and the Levant, ISIL), elenkat bħala Al-Qaida fl-Iraq. Irreklutat għall-ISIL u ta struzzjonijiet lil individwi biex iwettqu atti terroristiċi; (b) Deskrizzjoni fiżika: tul: 176 cm; piż: 73 kg; binja: medja; kulur tal-għajnejn: kannella; kulur tax-xagħar: iswed/qargħi; karnaġġon: kannella; (c) Jitkellem bl-Ingliż. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 23.11.2021."

(3) Id-*data* tal-identifikazzjoni tal-entrata segwenti taħt l-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet" fl-Anness I tar-Regolament (KE) 881/2002 hija emendata kif ġej:

"Stat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante — Khorasan (ISIL-K) ( magħruf ukoll bħala (a) ISIL Khorasan (b) Provinċja ta' Khorasan tal-Istat Iżlamiku (c) ISIS Wilyat Khorasan (d) il-Fergħa tal-Asja t'Isfel tal-ISIL (e) Kapitolu tal-Asja t'Isfel tal-ISIL). Informazzjoni oħra: L-Istat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante — Khorasan (ISIL-K) ġie ffurmat fl-10 ta' Jannar 2015 minn kmandant tat-Tehrik-e Taliban Pakistan (TTP) u ġie stabbilit minn eks-kmandanti tal-fazzjoni tat-Taliban li ħa l-ġurament ta' lealtà lejn l-Istat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante (elenkat bħala Al-Qaida fl-Iraq). ISIL-K iddikjarat li hija responsabbli għal għadd kbir ta' attakki kemm fl-Afganistan kif ukoll fil-Pakistan. Id-data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7e(e): 14.5.2019."

huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istat Iżlamiku tal-Iraq u l-Levante — Khorasan (ISIL-K) (psewdonimu: (a) ISIL Khorasan, (b) Provinċja ta' Khorasan tal-Istat Iżlamiku, (c) ISIS Wilayat Khorasan, (d) il-Fergħa tal-Asja t'Isfel tal-ISIL, (e) Kapitolu tal-Asja t'Isfel tal-ISIL, (f) L-Istat Iżlamiku tal-Iraq u ash-Sham — il-Provinċja ta' Khorasan, (g) L-Istat Iżlamiku tal-Iraq u s-Sirja — Khorasan, (h) L-Istat Iżlamiku tal-Iraq u l-Levante fil-Provinċja ta' Khorasan, (i) l-Istat Iżlamiku ta' Khurasan, (j) ISIS-K, (k) ISISK, (l) IS-Khorasan). Informazzjoni oħra: L-Istat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante — Khorasan (ISIL-K) ġie ffurmat fl-10 ta' Jannar 2015 minn kmandant tat-Tehrik-e Taliban Pakistan (TTP) u ġie stabbilit minn eks-kmandanti tal-fazzjoni tat-Taliban li ħa l-ġurament ta' lealtà lejn l-Istat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante (elenkat bħala Al-Qaida fl-Iraq). ISIL-K iddikjarat li hija responsabbli għal għadd kbir ta' attakki kemm fl-Afganistan kif ukoll fil-Pakistan. Id-data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7e(e): 14.5.2019."